ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Karta Mudell 2020**

| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI (L-Oral) | Il-Ħin: 10 minuti |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Istudenti

| Il-Marki |
|---|
| L-Oral tal-Malti |
| ______ 20 marka |

1. Għandek 5 minuti ċans sabiex tipprepara għal dan l-oral.
2. Inti se tiġi eżaminat għall-ħiliet tiegħek fil-qari, għall-mod kif tesprimi ruħek, għall-ideat, u l-ħila li tibni argument.
3. Waqt l-eżami, l-eżaminatur se jitolbok taqra paragrafu minn silta letterarja u wara trid twieġeb il-mistoqsijiet fuqha.

## ‘Ir-Raġel Onest’ ta’ E. W. Zarb

Darba kien hemm sultan li kellu sala mimlija teżori u ried isib għassies għaliha. “Hemm bżonn noqgħod attent li ma mmurx nagħżel ħalliel,” ħaseb, “għax inkella jisraqli kollox. Irrid raġel onest. Kif nista’ nsib raġel onest?” Bagħat għall-iktar uffiċjal għoli fis-saltna u staqsieh x’kellu jagħmel.

“Ħejji festa kbira fil-palazz,” qallu, “u stieden għaliha lil kull min irid jilħaq għassies tiegħek. Fl-aħħar tal-festa, itlob lill-mistednin jiżfnu u malajr issib lir-raġel onest.” Is-sultan qagħad fuq il-parir tiegħu u ħejja l-festa. Biex il-mistednin jaslu fis-sala tal-festa riedu jgħaddu minn passaġġ mudlam fejn kien hemm xkejjer mimlija bid-deheb u bil-fidda.

Meta kulħadd kiel u xorob, is-sultan talabhom jiżfnu quddiemu imma ħadd ma ċċaqlaq u kulħadd beda jġib l-iskużi. Wieħed biss ħareġ jiżfen kemm jiflaħ f’nofs is-sala. Minn hemm induna min hu r-raġel onest. L-oħrajn kienu serquh u mlew bwiethom bid-deheb u l-fidda, imma hu ma mess xejn. Għalhekk ir-raġel onest inħatar l-għassies tas-sultan.

* * *

***L-ewwel mistoqsija:***
*Xi xtaq li jkollu s-sultan fil-palazz? Għala?*

***It-tieni mistoqsija:***
*X’qallu biex jagħmel l-uffiċjal tiegħu?*

***It-tielet mistoqsija:***
*Kif induna min hu r-raġel onest fosthom?*

***Ir-raba’ mistoqsija:***
*Kieku kellek tbiddel xi ħaġa mill-istorja, x’kont iżżid jew tnaqqas?*

***Il-ħames mistoqsija:***
*Kieku kellek tkun wieħed mill-karattri tal-istorja, min tkun, u għaliex?*

**Tmiem**